FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tmien laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 6 t`Ottubru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>
*G.M. Productions* li jorganiżżaw il-kompetizzjoni ta` *'Miss Malta'* kitbu lill-Kunsill fejn infurmawh illi *'Miss Gozo 2005'* hija Ms. Lucienne Attard mill-Fontana. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iħallas l-ammont ta` Lm28 bħala *Recognition Award* tal-parteċipazzjoni ta` Ms. Attard. Il-Kunsill aċċetta. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna għal serata fi *club* f`Buġibba nhar il-Ħamis, 20 t`Ottubru, fejn Ms. Attard tiġi pprezentata b`dan il-premju. Il-Kunsill ġie mistieden ukoll għas-serata finali li ser issir fil-5 ta` Novembru fil-*Graduation Theatre* fl-Universita' ta` Malta. Is-Sindku ppropona li tintbagħat *card* lil Ms. Attard bħala awguri għas-suċċess li kisbet.
Il-Kappillan tal-Fontana bagħat korrispondenza dwar l-*SportsFest* li ġiet organizzata bejn l-20 u t-23 ta` Settembru 2005. Il-Kunsill qabel illi jħallas Lm50 fi trofej għal din l-attivita'.
*Greenlines* bagħtu korrispondenza dwar il-*bring-in-sites*. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinforma lil *Greenlines* meta jkun hemm skart ħdejn il-*bring-in-sites*.
Il-Bibljoteka Nazzjonali bagħtet korrispondenza lill-Kunsill bis-suġġett *"Malta Book Fair 2000"*.
Il-*Gozo Tourism Association* bagħtet korrispondenza dwar fiera li ser tiġi organizzata bejn l-4 u s-6 ta` Novembru 2005 bl-isem *'Travel & Tourism Gozo Fair'*. Kull *stand* tiswa Lm200 u *display board* tul ta` 2 metri tiswa Lm50.
Is-Soċjeta *'Dante Alighieri'* bagħtet kopja tal-*prospectus* dwar il-kors tal-lingwa taljana għall-adulti. Il-kors li hu twil 16 –il siegħa jiswa Lm200 għall-grupp ta` 15/20 parteċipant. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi jisponsorja minnu l-ammont ta` Lm100 u l-kumplament jitħallsu mill-parteċipanti. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jorganizza dan il-kors.
Il-*Gozo Business Chamber* bagħtet korrispondenza dwar il-ktejjeb *"Proudly Made in Gozo"*. Is-Sur Joseph G. Grech, C.E.O., skuża ruħu għal dan in-nuqqas u qal li żgur ma kienx

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

intenzjonat. Is-Sur Grech assigura lill-Kunsill li fit-tieni edizzjoni li tiġi stampata `l quddiem il-lokal tal-Fontana jkun indikat.

It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza bis-suġġett "Tiżjin ta` Toroq għall-Milied 2005".

L-Uffiċċju Elettorali bagħat korrispondenza dwar ir-Reġistru Elettorali t`Ottubru 2005.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet il-permess sabiex issir il-mera quddiem Sqaq Nru. 2 fi Triq tal-Għajn.

It-Taqsima tat-Trasport Pubbliku fi ħdan l-Awtorita' kitbet lill-Kunsill illi ma ssib l-ebda oġġezzjoni li ssir *Bus-Stop Sign* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel illi jagħmel din il-*Bus-Stop Sign*.

Il-MEPA bagħtet diversi avviżi ta` infurzar fi Triq Wied Siekel u fi Sqaq fi Triq tal-Għajn.

Il-MEPA bagħtet avviż t`infurzar lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv dwar ksur tal-kontroll ta` l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f`żidiet ma` *'boundary wall'* fi Triq John Gaspard Le Marchant. Is-Sindku qal illi dan l-avviż ta` nfurzar diġa ħareġ fuq is-Sur Anthony Borg ta` 50 Triq Santa Dminka, Victoria f`Lulju li għadda u kopja tiegħu ntbagħtet lill-Kunsill tagħna. Is-Sindku qal li xi residenti ta` l-inħawi avviċinawh biex din iż-żieda li kien hemm fil-*boundary* titneħħa għar-raġuni li telfet is-simetrija tar-*retaining wall* tal-*belvedere* u anke telfet il-veduta ta` dawn l-inħawi. Huwa qal li jaqbel ma` dan, u l-Kunsill għandu jneħħi dawn iż-żewġ filati li nbnew aktar milli kien hemm. Il-Kunsilliera Maria Schembri qablet ukoll. Il-Kunsillier Anthony Cassar issuġġerixxa li l-Kunsill ma jidħolx fil-kwistjoni jekk jinqalax jew le, iżda jinfurmaha li mhux hu bnieh. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap qablu ma` dan. Is-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri ma qablux għalhekk il-Kunsill qabel illi jikteb lill-MEPA fejn jinfurmaha li l-Kunsill ma kellux x`jaqsam mal-kostruzzjoni ta` dan il-ħajt.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Is-Sur Natalino Attard mid-Dipa`rtiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali t`Għawdex. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jindika tliet persuni mill-lista mibgħuta sabiex jaħdmu mal-Kunsill tal-Fontana. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa diversi mistoqsijiet fosthom min ser iħallas il-ħaddiema, x`ser ikun ix-xogħol, x`lesti li jagħmlu u l-attendenza min ser jieħu ħsiebha. Is-Sindku wieġeb illi dawn ser jibqgħu jitħallsu mill-Gvern Ċentrali u jieħu ħsiebhom il-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll l-Kunsill għandu jagħżel ħaddiema bil-grad tas-sengħa tagħhom, biex ma joqgħodux jitolbu *"time off"* meta jiġu mqabbda jagħmlu xi biċċa xogħol. Huwa ssuġġerixxa li jintalab kennies biex jieħu ħsieb it-toroq kollha tal-Fontana, u *Plasterer and Painter* għal xogħol u manutenzjoni li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel illi jagħżel *Health Attandant* minn Kerċem li jkun is-Sur Joseph Mercieca bin-numru 26/28, *Clerk* mix-Xewkija bin-numru 75 u *Plasterer & Painter* minn Victoria bin-numru 77. Is-Sindku qal illi qabel tintbagħat din il-korrispondenza għandu jiġi ċċekjat jekk skond il-kuntratt li l-Kunsill kien iffirma dwar is-servizzi elettroniċi hux ser jingħataw iż-żewġ ħaddiema klerikali li hemm imniżżel fil-kuntratt sabiex il-Kunsill ma jispiċċax bi tliet skrivani. Jekk fl-affermattiv għandu jintgħażel ħaddiem ieħor.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett *"EU Programme: Equal MT-3 - Promoting Equal Opportunities Through Empowerment"*. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu laqgħa dwar dan is-suġġett nhar il-Ġimgħa, 7 t`Ottubru 2005.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar il-ħaddiema ta` l-IPSL u dwar l-Uffiċċju Reġjonali Kunsilli Lokali Għawdxin. Dwar l-Uffiċċju Reġjonali l-Kunsill qabel illi jiddeċiedi skond x`ser jagħmlu l-Kunsill Lokali Għawdxin l-oħra.

Is-Sur Oreste Alessandro ex-Segretarju Eżekuttiv fl-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħat ittra ta` ringrazzjament lill-membri kollha tal-Kunsill.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 19/2005 dwar Att Vandalu fuq il-vettura tas-Sindku ta` Ħad-Dingli.

Inqrat Ċirkulari AKL 52/2005 dwar Ftehim dwar *Speed Cameras*.

Inqrat Ċirkulari AKL 53/2005 dwar Ġemellaġġi ma` Muniċipalitajiet fil-Greċja.

Inqrat Ċirkulari AKL 54/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Roberta Valvo, omm is-Sur Anthony Valvo, Sindku tax-Xgħajra.

Inqrat Ċirkulari AKL 55/2005 dwar Ġemellaġġ ma` Scilla, f`Reggio Calabria, Italja.

Inqrat Ċirkulari AKL 56/2005 dwar Talba għall-Ġemellaġġ mal-lokalita' ta` Monterosso Almo (provinċja ta` Ragusa – Reġjun ta` Sqallija – Italja).

Inqrat Ċirkulari AKL 57/2005 dwar Talba għall-Ġemellaġġ mal-lokalita' ta` Sabaudia (provinċja ta` Latina, fl-Italja), ma` lokalita' Maltija/Għawdxija.

Inqrat Ċirkulari AKL 58/2005 dwar Ġemellaġġ ma` Nichelino (provinċja ta` Torino, f`Italja).

Inqrat Ċirkulari AKL 59/2005 dwar *XI Conference of the twinned municipalities of the Mediterranean Area – Anzio 29-30 september*.

Inqrat Ċirkulari AKL 60/2005 dwar *The Malta Standards Authority is targeting YOU for a FREE TRAINING OPPORTUNITY*.

Inqrat Ċirkulari AKL 61/2005 dwar Ġemellaġġ ma` Poggio Bustone (provinċja ta` Rieti) – *Latium Region*, fl-Italja.

Inqrat Ċirkulari AKL 62/2005 dwar Konferenza dwar Kollaborazzjoni bejn ir-Renju Unit u Malta biex jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea.

Inqrat Ċirkulari AKL 63/2005 dwar Linji ta` Gwida dwar skemi ta` immaniġġjar ta` traffiku.

Inqrat Ċirkulari AKL 64/2005 dwar *Call for Proposals 2006 "meetings between Citizens"*.

Inqrat Ċirkulari AKL 65/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Josephine Camilleri, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Mosta.

Inqrat Ċirkulari AKL 66/2005 dwar *E-Government Customer Care Systems - Request Datasheet System*.

Inqrat Memo 19/2005 dwar Avviż Legali 233/2005 li jittrasponi direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Unjoni Ewropea) kontra l-ħlas tardiv ta` transazzjonijiet kummerċjali.

Inqrat Memo 20/2005 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nru. 13781 u 14069. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet it-tweġiba għal din il-Memo.

Inqrat Memo 21/2005 dwar Premju "Il-Kunsill Lokali u ċ-Ċittadin".

## Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

## Il-'Business Plan'

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat draft tal-*Business Plan* fejn dan ġie diskuss. Il-*Business Plan* għas-sena 2005 ġie approvat unanimament.

Mozzjonijiet

Tressqet ukoll l-emenda tas-Sindku li kienet ġiet ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri fil-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru. 6 fis-16 t`Awwissu 2005. Il-Kunsill qabel unanimament ma` din l-emenda.

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel illi jiġbor *quotations* għall-fanali ta` stil rustiku sabiex jinbidlu l-lampi ta` diversi sqaqien.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa ma jaqbilx ma` din il-mozzjoni minħabba l-ammont kbir ta` flus li jridu jintefqu. Huwa semma wkoll il-punt ta` fejn jiġu alloġġjati n-nies u semma min ser jaċċetta nies barranin f`daru. Is-Sindku qal illi huwa ma jaqbilx ma` dan il-punt u għandhom jiġu alloġġjati fi *flats* fil-lokal stess. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa x`inhu l-iskop ta` ġemellaġġ u kompla jgħid li għalih dawn huma flus mormija. Il-Kunsilliera Lorry Apap, Anthony Cassar u l-Viċi-Sindku vvotaw kontra u għaldaqstant il-mozzjoni m`għaddietx.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku u mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi mmedjatement jibgħat ittra bi pjanta lill-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun jista` jsir dan ix-xogħol, li jinkludi l-*culvert* ta` l-ilma u t-tfittxija ta` l-ilma mitluf tal-Għajn il-Kbira.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jżid id-dawl tat-triq fi Triq tal-Għajn ħdejn ir-*railing*. Għandu jiġi kkuntattjat *Zammit Aluminium* sabiex ibiddel il-bozoz tal-fanali u jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir bozza ġdida ftit l-isfel mir-*railing* fi Triq tal-Għajn.

Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 65.47,0 |
| *EneMalta Corporation* | Lm | 100.00,0 |
| Perit AnnaMaria Attard Montalto | Lm | 252.43,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 614.25,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| *Office Club* | Lm | 136.00,0 |
| Jenise Grech | Lm | 83.24,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm | 205.01,0 |
| Joanne Agius | Lm | 90.00,0 |
| Josianne Attard | Lm | 75.00,0 |
| *G.M. Productions* | Lm | 28.00,0 |
| *Video-On-Line Ltd.* | Lm | 11.80,0 |
| *Raindrops* | Lm | 8.50,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 19.24,0 |
| *B. Grima & Sons Ltd.* | Lm | 33.00,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *Water Services Corporation* | Lm | 5.13,0 |
| *Expo Chic* | Lm | 38.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 546.00,0 |
| Nicky Saliba | Lm | 379.96,0 |
| John Grima | Lm | 50.00,0 |
| Jenise Grech | Lm | 83.70,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 7.52,0 |
| Victor Attard | Lm | 23.81,0 |
| *B.C.D. Graphics Ltd.* | Lm | 25.00,0 |
| Joseph Muscat | Lm | 35.00,0 |
| Mark Bajada | Lm | 128.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 64.61,0 |
| Josephine Gauci | Lm | 22.50,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 87.50,0 |
| Total | | Lm3396.18,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 06/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>
Dr. Anton Refalo LL.D. kiteb lill-Kunsill f`isem Anthony u Theresa konjugi Spiteri ta` "Redentur" Triq is-Sajjieda. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-*gradient* tat-triq huwa ħażin. Il-Kunsill qabel illi jittieħed parir legali mingħand Dr. Chris Said u jiġi mqabbad il-Perit John Saliba, biex jara dan l-ilment.

Is-Sinjura Emanuela Formosa ta` Plot 8 *"North Sunshine"* fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi talbet lill-Kunsill sabiex issir rampa żgħira quddiem il-garaxx tal-tifel li jinsab fi Triq San Martin. Fil-preżent il-vettura ma jistax idaħħalha fil-garaxx peress li l-bankina hija ftit għolja. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Mark Bajada sabiex iwettaq dan ix-xogħol.

Is-Sur Emanuel Spiteri ta` *"Brampton Place"*, Triq ta` Mulejja talab sabiex issir il-bankina ta` quddiem id-dar u l-garaxx tiegħu bil-*paving blocks*. Il-Kunsill qabel illi jordna dan ix-xogħol sabiex isir mid-Dipartiment tad-Distretti.

Is-Sinjura Ġiuseppa Portelli ta` 84, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex titranġa t-tappiera tad-drenaġġ ta` quddiem id-dar tagħha. Is-Sindku qal illi dik inqalgħet darbtejn u tpoġġiet ħażin minn membri tal-familja tagħha. Il-Kunsill qabel illi jirranġaha.

Is-Sur Mark Borg ta` Triq Għajn Tuta talab lill-Kunsill sabiex roqgħa żgħira quddiem il-*flat* tiegħu tiġi rranġata bis-siment peress li tinstab imħarbta. Il-Kunsill qabel illi jirranġaha.

Il-Kunsillier Lorry Apap ressaq ilment sabiex jitranġa parti mir-*railing* tat-taraġ fi Triq tal-Għajn. Għandu jiġi kkuntattjat is-Sur Teddy Mizzi sabiex jirranġah.

Il-Viċi-Sindku ressaq l-ilment dwar il-bankina li reġgħet inkisret quddiem 61, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel illi jerġa` jirranġaha.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Anthony Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* sabiex issir *zebra crossing* fi Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel illi jitlob permess lill-A.D.T.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Annwali Amministrattiv. Il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2004-2005.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ukoll il-*quarterly report* għall-perjodu April-Ġunju 2005.
Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet laqgħa bis-suġġett "Swieq fil-Beraħ" mas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo. Din il-laqgħa saret l-Erbgħa, 28 ta` Settembru 2005 fl-Uffiċċju tal-*Malta Enterprise* fix-Xewkija.
Peress li l-M.E.P.A. ma tat l-ebda risposta lill-Kunsill dwar iż-żbir ta` żewġ palmiet fi Triq ta` Mulejja, l-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Anthony Said sabiex jiżborhom.
Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, l-Kunsill qabel illi jibgħat avviż lir-residenti tal-Fontana dwar it-tilqima ta` l-influwenza.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-basktijiet li ġew ordnati mingħand il-*WateServ* waslu u qegħdin il-Qortin fix-Xagħra. Il-Viċi-Sindku offra li jmur għal dawn il-basktijiet u jeħodhom għand Joseph Vella sabiex jipprintja l-arma tal-Kunsill fuqhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Ms. Melissa Attard bdiet mal-Kunsill taħt l-iskema tal-*jes*. Is-Sinjuri Josianne Attard u Joanne Agius spiċċaw mill-iskema tal-*jes*.
Il-Kunsill qabel illi jixtri *shredder* ġdida għall-prezz ta` Lm75 mingħand l-*Office Needs* peress li x-*shredder* ma titranġax.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi dwar l-appell ta` l-*street furniture* fi Pjazza l-Għejun hu kkonsulta mal-MEPA fejn infurmawh li din id-deċiżjoni tista' tiġi biss ikkontestata fil-Qorti.
Il-Kunsill qabel illi jibgħat avviż lis-Sur Anthony Mercieca peress li qed jifdal xi boroż li ma jinġabrux f`xi nħawi waqt il-ġbir ta` l-iskart.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Carmelo Farrugia bagħat jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill dwar l-ittra ta` solidarjeta` miegħu u l-familja li l-Kunsill bagħatlu.
Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jiġi mnaddaf ix-xelter li hemm ħdejn l-Għajn il-Kbira kif ukoll li jitlob lill-għaqda "Din l-Art Ħelwa" biex jiġi mdawwal bl-elettriku.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ġie avviċinat min Mons. Albert Curmi li lest li joffri materjal biex jiġi ppubblikat mill-Kunsill dwar il-ħajja fit-Triq tal-Għajn ta` dari. Is-Sindku qal li hu xieraq jibda joħroġ tagħrif lir-residenti tal-Fontana f`forma ta` fuljett kull sitt xhur. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel ħarġa tkun għall-Milied.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-bank li talbet is-Sinjura Agnes Farrugia fi Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata m`hemmx fejn isir peress li jridu jgħaddu l-muturi tal-ħart. Dwar it-tindif li kellu jsir fejn bini ġdid fi Triq ta` Mulejja dan sar mis-sid, is-Sur Maurice Zammit.
Is-Sindku nfurma li l-appell tal-MEPA dwar bini ta` ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi li kien għat-28 ta` Settembru ġie differit għat-22 ta` Frar 2006.
Dwar l-*SportsFest* organizzat mill-parroċċa għat-tfal f`Settembru attendew is-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar fejn qasmu diversi trofej lill-parteċipanti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-soltu jrid jitnaddaf il-*culvert* ta` l-ilma fi Sqaq Bieb tal-Għajn, kif ukoll jiġu magħluqa t-toqob tal-armar tal-festi li reġgħu tbattlu mit-trab mill-ilmijiet tax-xita. Huwa qal li akkwista żewġ boroż *cold asphalt* u ser jiġu magħluqa b`dan.
Huwa wkoll informa lill-Kunsill li hemm bżonn jinxtraw żewġ mirja, waħda minflok dik li nsterqet fil-bidu ta` Trejqet ix-Xagħri u l-oħra biex jitwettaq l-ilment ta` Dun Franġisk fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'. Dan qed isir peress li d-Dipartiment tat-Toroq ma jistax jagħmilhom. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li bil-maltempata tal-4 t`Ottubru li għadda saru diversi ħsarat fosthom li l-ilma tax-xita qala' r-*retaining wall* fil-bidu tal-Wied tax-Xlendi u issa hu perikoluż ħafna peress li tista' taqa` xi vettura għal ġol-wied. Il-Kunsill qabel li mmedjatament iqabbad lis-Sur Joe Muscat biex jerġa' jibnieh mill-ġdid. Dak il-ħin sar kuntatt miegħu u għandu jmur l-għada fil-għodu flimkien mas-Sindku fuq il-post.
Kien hemm ukoll drenaġġ ħiereġ kemm minn Wied Siekel kif ukoll mir-raba' magħruf bħala tal-Għajn il-Kbira. Dan ġie rrapurtat mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma u ġie rranġat. Ġew ukoll imnaddfa l-Għejjun tal-ilma li ntlew b`ħafna materjal kif ukoll ġiet imbattla l-Għajn ta` Bendu mill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili.
Is-Sindku qal ukoll li fuq talba tal-Kunsill sar tindif ta` tarf Wied il-Lunzjata fit-Triq tax-Xlendi li ġiet imblukkata bil-qasab u l-ilma ma setax jgħaddi. Din ġiet imnaddfa mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li baqa` madwar żewġ trakkijiet n-naħa l-oħra tal-mina fil-bidu tal-Wied tax-Xlendi. Peress li ma tneħħewx il-Kunsill reġa' talab lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp biex jitneħħew. Dawn infurmaw lill-kuntrattur biex ineħħihom. Is-Sindku ppropona li jekk dawn jibqgħu ma jitneħħewx, il-Kunsill inaddafhom hu mill-vot tat-tindif tal-widien. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret il-manutenzjoni tal-bankini ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Toroq John Gaspard le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi kif ukoll ir-*retaining wall* ta` dawn iż-żewġ toroq. Saret ukoll il-manutenzjoni tal-proġett ta` Pjazza l-Għejjun minbarra dak li hemm il-kwistjoni fuqu mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.
Bdiet ukoll tinstema l-kawża fil-Qorti miftuħa mis-Sinjura Pawla Cassar dwar *roadhump* fi Triq tal-Għajn. Din ġiet differita għall-1 ta` Marzu 2006, iżda qabel ser tinstema' x-xhieda mill-Assistent Ġudizzjarju.
Dwar il-*Website* tal-Kunsill, is-Sindku qal li flimkien maż-żewġ studenti tal-*jes* li kellna saret it-traduzzjoni għall-Malti mill-Ingliż dwar il-Fontana. Is-Sindku qal li l-*Website* hija lesta u ntbagħtet għall-approvazzjoni. Issa hemm bżonn li tiżdied informazzjoni dwar in-niċeċ tal-lokal fejn diġa ttieħdu r-ritratti tagħha mis-Sindku u rappreżentant tal-OS3, kif ukoll dwar il-festa tal-Fontana. Il-Kunsill qabel.
Dwar 'Jum il-Fontana' s-Sindku ppropona li jsiru żewġ kompetizzjonijiet għall-istudenti. Waħda dwar komponimenti u l-oħra tal-pittura bis-suġġett dwar il-Fontana. Il-Kunsill qabel.
Dwar il-*melanoma* l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jibgħat l-informazzjoni dwar il-kanċer tal-ġilda lir-residenti tal-Fontana peress li dawk magħżula ser jibdew jiġu kkuntattjati sabiex isirilhom it-*test*. Il-Kunsill qabel illi jibgħat din l-informazzjoni mal-Bullettin tal-Parroċċa.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għaċ-ċerimonji li jfakkru t-8 ta` Settembru u l-21 ta` Settembru fi Pjazza Indipendenza.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li għamel żjara fil-widien tal-Fontana mar-rappreżentanta tan-*Nature Trust* Annalise Falzon. Dwar parti minn Wied Siekel sar suġġeriment li ssir laqgħa fuq il-post ma` rappreżentanti tal-MEPA, biex jitranġa l-passaġġ eżistenti u l-pubbliku jkun jista' jgħaddi u jgawdi dawk l-inħawi. Dan peress li xi snin ilu applikazzjoni biex jiġu rranġati dawn l-inħawi ġiet irrifjutata. Is-Sindku ppropona wkoll l-Kunsill jagħmel l-ismijiet tal-pjanti u siġar li jikbru fl-inħawi ħdejn kull siġra u pjanta. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ġie avviċinat minn membri tal-Kumitat tal-Festa biex id-dawl taż-*zebra crossing* li hemm quddiem il-Knisja n-naħa tan-niċċa tas-Salvatur jitħarrek u jitqiegħed aktar `l isfel, biex l-armar tal-festa jkun jista' joqgħod aħjar. Il-Kunsill qabel. Saru wkoll ħames tappieri tal-ħadid għat-toqob tal-arbli tal-festa fuq iz-zuntier. Ġie wkoll irranġat il-*bin* li kellu l-għatu nieqes fil-*Playing Field*. Ġie wkoll imwettaq l-ilment ta` Ġużeppa Galea fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, kif ukoll sar il-qtugħ tal-ħaxix fi Triq Wied Siekel u Triq San Martin.
Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa soċjo-kulturali għall-anzjani f`Malta. Il-Kunsill qabel li ssir fil-25 t`Ottubru 2005. Is-Sindku għandu jħejji l-programm. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir ħarġa għat-tfal f`Malta fil-vaganzi tal-Milied.
Is-Sindku ppropona li tinxtara aktar żebgħa bajda biex jinżebgħu s-sinjali tat-toroq. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.50 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 9 ta` Novembru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |